MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Numru 406/2005

Il-Pulizija
(Sp Walter Spiteri)
vs
Joseph Borg, iben John,
imwieled Ħaż-Żabbar
fis-17 ta' lulju, 1956

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-17 ta' april, 2004 għal ħabta tas-6.15 a.m.
f'Ħal-Far Road, Ħal-Far, waqt li kien qed jagħmel użu minn vettura, bin-numru
tar-reġistrazzjoni JBA 003, tal-marka VW Polo -
1. saq l-imsemmija vettura bi speed eċċessiv;
2. saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata u perikoluża;

3. involontarjament ikkaġuna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Raymond Shaun Abela minn Ħal-Tarxien, skond kif iċċertifika Dr. Nikola Debono M.D. ta’ l-Isptar San Luqa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ ġunju, 2005 fejn l-uniku xhud ta’ l-inċident Raymond Shaun Abela, il-midrub, għażel li ma jagħtix ix-xhieda tiegħu għaliex jista’ jikrimina lilu nniffsu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat, lill-avukat tal-parte ċivile Raymond Shaun Abela u lill-prosekuzzjoni.

Għaldaqstant, fuq nuqqas ta’ provi ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------